MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 250/2004

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Maria Victoria Zammit ID: 732554M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas Lm854.65c (tmien mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li eccepiet il-preskrizzjoni u mbaghad minghajr pregudizzju sostniet li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghaliex:

“Il-prezentata taghhom setghet giet skanzata bl-espidjent facili tat-trasmissjoni lill-eccipjent ta’ l-informazzjoni u dettalji mitluba minnha mill-kumpanija attrici.”

Sema’ l-provi u ra d-dokumenti esebiti.

Giet esebita kopja ta’ Ittra Ufficjali datata 30 ta’ Lulju, 2003 debitament notifikata lill-konvenuta.

Dr Ingrid Zammit Young ikkonfermat li l-konvenuta kienet talbet spjegazzjoni ta’ l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici u kkonfermat li s-socjeta’ attrici kienet baghtet *itemised bill* f’Awissu 1999.

Il-konvenuta qalet li kienet thallas regolarment imbaghad kienet irceviet kont ta’ Lm831.98c (tmien mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu). Hi talbet spjegazzjoni izda baqghet minghajr risposta sodisfacenti. Il-konvenuta qalet li kienet irceviet l-*itemised bill* f’Awissu 1999 izda din ma kellhiex l-informazzjoni kollha li xtaqet hi. Il-konvenuta qalet:

“Jiena naccetta li jista’ jkun hemm ammont dovut, pero’ billi qatt ma rcevejt dawn (*itemised bill*) nghid li qieghed nikkontesta l-ammont. Jiena nghid li hemm kontijiet tan-1998 u 1999 li jiena ma hallastx. Mistoqsija kemm nippretendi li ghandi nhallas, nghid li ma nafx.”

Illi l-konvenuta naqset li ssemmi l-Artikolu tal-ligi li fuqha qieghda tibbaza l-ewwel eccezzjoni taghha. Illi jirrizulta li fil-fatt intbaghtet Ittra Ufficjali liema Ittra giet notifikata u li l-konvenuta taccetta li ghandha thallas xi ammont izda ma tafx kemm. Illi l-ewwel eccezzjoni ghalhekk hija michuda billi l-konvenuta kellha d-dover li ssemmi l-Artikolu tal-ligi li fuqha qieghda tibbaza l-eccezzjoni u f’kull kaz hemm Ittra Ufficjali w ammissjoni.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta tghid li l-proceduri setghu gew evitati kieku ntbaghtet spjegazzjoni tal-kont. Fir-Risposta l-konvenuta ma tghidx li l-ammont mhux dovut izda li hi m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri minhabba nuqqas ta’ informazzjoni u dettalji.

Fil-fatt gew esebiti dokumenti w Ittri li juru li l-konvenuta nghatat spjegazzjoni tal-kont. Il-konvenuta tikkonferma li rceviet l-Ittra datata 21 ta’ Mejju, 1999 liema Ittra taghti spjegazzjoni tal-kont.

Ghalhekk jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm854.65c (tmien mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta’ Settembru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------